MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 937/2002/1

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Dorian Micallef sia bil-polza u sia bil-Ligi u l-istess Dorian Micallef**

**vs**

**Etienne Brincat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u tletin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm130.75) rapprezentanti danni u spejjez inkorsi mill-atturi in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi triq Tigne, rokna ma' Triq it-Torri, nhar l-erbatax ta' April, 2000, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni DAQ-403 misjuqa mill-konvenut Etienne Brincat u l-vettura numru ta' registrazzjoni JBC-198 proprjeta' ta' Dorian Micallef assikurata mas-socjeta` attrici; liema incident gara**

**unikament tort ta' l-imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, u dan prevja d-dikjarazzjoni li ghall-incident jahti unikament il-konvenut;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 2001;**

**Bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 ta' Mejju, 2002, fejn inghad illi t-talba ta' l-atturi ghall-hlas ta' l-ammont ta' mija u tletin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm130.75) ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-konvenut, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur Dorian Micallef, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 497 Alfred Fabri, Dorian Micallef, Frida Micallef, Etienne Brincat u Etienne Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fl-14 t'April 2000 bejn il-vettura JBC 198 misjuqa minn Dorian Micallef u assigurata mas-socjeta' attrici u l-vettura DAQ 403 misjuqa mill-konvenut. Il-vettura tal-konvenut kien truck kbir tax-xoghol. L-incident gara fi Triq it-Torri, kantuniera ma' Triq Tigne Sliema.**

**2. Jirrizulta illi l-attur kien qed isuq f'Triq it-Torri miexi fid-direzzjoni ta' Triq Bisazza u fuq il-bankina, fuq in-naha tieghu kien hemm truck ta' l-RMF ipparkjat, nofsu fuq il-bankina. L-attur qabez lil dan it-**

**truck u ra lill-konvenut li minn Triq Tigne kiser ghal go Triq it-Torri.**

**3. Skond l-attur il-konvenut laqtu fuq wara fuq il-lemin. L-attur ighid li hu kien wieqaf meta ntlaqat. Il-versjoni ta' l-attur hi korroborata minn martu li ziedet tghid li l-konvenut laqathom fuq wara bir-rota ta' wara tieghu.**

**4. Gie kkonfermat illi l-konvenut meta hareg minn Triq Tigne ghal go Triq it-Torri, ghamel dan kontra r-regola peress illi hemm sinjal ghal min ikun gej minn Triq Tigne li ma jistax jikser fuq il-lemin u ghandu jinzel fuq ix-xellug ghal go Triq Bisazza.**

**5. Ghalkemm kien hemm dan il-ksur fir-regolamenti, t-Tribunal japprezza l-fatt illi l-konvenut kien qed isuq truck kbir u ma kienx possibli ghalih jikser ghal go Triq Bisazza u ghalhekk necessarjament kellu jikser ir-regoli u jdur ghal go Triq it-Torri.**

**6. Jigi rilevat illi meta qed jaghmel tali manuvra, kien jinkombi lill-konvenut li juza massima diligenza inkwantu kien qed jaghmel haga li mhux biss hi projbita mir-regolamenti, imma kien ser johloq xkiel imprevist ghat-traffiku li kien ghaddej fi Triq it-Torri.**

**7. Tassew jirrizulta illi l-attur ukoll kellu juza certa diligenza inkwantu kien qed jaqbez truck ta' l-RMF. Jirrizulta illi fil-fatt l-attur uza d-debita diligenza.**

**8. Li qed jinnota t-Tribunal inpartikolari huwa l-fatt illi l-vettura ta' l-attur garrbet hsarat fuq il-mudguard in-naha tal-lemin. Huwa ferm probabbli illi l-konvenut bil-manuvra tieghu, bil-parti ta' wara laqat lill-attur illi fil-fatt jirrizulta li kien wieqaf.**

**9. Ghalhekk ghall-kollizzjoni ghandu jigi ritenut responsabbli l-konvenut. Bhala danni dawna gew konfermati fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba ta' l-atturi tirrizulta pruvata, inkwantu ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut. It-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' mija u tletin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm130.75) bl-imghaxijiet mid-29 ta' Ottubru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 2001 ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------